Għandna ċ-ċertifikat kemm tas-7 ta' Frar 1994 fejn hemm spjegat x'kien id-difett fil-qalb u kemm dak tad-*discharge* fejn kollox jidher li kien NORMALI fit-tarbija!

Nifirħu lil dawk kollha li kellhom x'jaqsmu ma' dan il-fejqan mirakoluż, għall-fidi kbira li urew f'Alla u fil-Madonna, u għall-eżempju li taw billi m'aċċettaw qatt li jkunu ħatja ta' abort. Alla ippremjahom!... KUN IMFAHHAR MULEJ! GRAZI MADONNA!

**L-Editur**

## AVVIŻI

1. Peress li xi wħud li jiġu għal-laqgħat ta' talb il-Girgenti, beżgħu mill-maltemp u ma ġewx għal-laqgħa tas-6 ta' Novembru, il-President tal-Kumitat tagħna wissa li "IKUN XI JKUN IT-TEMP" il-laqgħat isiru xorta waħda.
   "L-appuntamenti tagħna mal-Madonna għandhom iseħħu għax aħna għandna fiduċja sħiħa li l-Madonna żżomm l-appuntamenti tagħha magħna," qal il-president.
   Hija ħaġa magħrufa sew, li l-Madonna dejjem irranġat it-temp u l-laqgħat dejjem saru kif kienu dehru fuq il-posters u fil-gazzetti.
   Infakkru lil dawk li qatt ma ħadu sehem f'dawn il-laqgħat, li ġeneralment dawn isiru kull l-ewwel u t-tielet Ħadd ta' kull xahar.
2. Ibagħtu r-rapporti tagħkom tal-grazzji li taqilgħu, bl-indirizz u n-numru tat-telefon, lis-Segretarja jew lill-Editur ta' dan il-fuljett.
   L-indirizz tas-Segretarja hu:
   Dr. Sylvana Spiteri LL.D.,
   6 A/2, Main Street, Siġġiewi.
   L-indirizz ta' l-Editur hu:
   Brother Victor Privitera,
   Stella Maris College, Gżira.
3. Għadna kemm stampajna ktieb ta' Talb u Kant li għandu jintuża fil-laqgħat tal-Girgenti. Nixtiequ li kulħadd jixtri dan il-ktieb u jġibu miegħu f'kull laqgħa li ssir il-Girgenti. Dan il-ktieb jista' jservi għal talb privat id-dar jew il-knisja.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 21 JANNAR 1995 JITQASSAM BLA ĦLAS

**1995**

***Xewqat mill-isbaħ ta' Hena, Sliem u Odusija lit-Tesserati kollha tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lill-Qarrejja ta' dan il-fuljett.***

***Awguri Speċjali lil ĠUŻA MIFSUD f'jum għeluq sninha 27 ta' Jannar 1995***

## SILTIET MINN LAQGĦAT TA' TALB IL-GIRGENTI

**Miġbura minn Dr, Sylvana Spiteri, LL.D.**

**AWISSU 1994**

Wara talb u ringrazzjament lil Alla, Ġuża qalet: "L-Ewkaristija hija l-qofol ta' kollox. Noqogħdu attenti ħafna għax mingħajr Ewkaristija ma nistgħux ngħixu:

la jkollna ħajja spiritwali fir-ruħ u lanqas fil-ġisem... Nikkuntattaw ħafna mal-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija. Mhux morna nitqarbnu u x'waħda din, fejn naf jien! Jiena ma nafx għaliex inħossu hekk lill-Mulej Ġesù. Jiena nħossu qribi u jkellimni... nibda nibki. Għaliex ma tagħmlux hekk? Għax m'għandniex fidi. Fejn hi l-fidi?

Jiena ma nafx x'għad ikun hawn hawn fuq. Agħmlu l-qalb u l-fidi u ibdew itilgħu hawn fuq u mhux nisa jiġu u rġiel le. Jiena meta tkellimt ma' l-Arċisqof taf x'qalli? Qalli: 'Jiena qadt ma għidt lil ħadd biex ma jitlax hemm fuq...'

Kellna bżonn inneħħu dawn il-feriti koroh li għandna ġo Malta, rigward il-mibegħda... Il-Mulej irid erwieħ eżatti, erwieħ ċari daqs il-kristall rigward l-affarijiet spiritwali, mhux din il-mibegħda li qegħda tinżera' f'nofs il-Maltin u l-Għawdxin. Mhux sewwa dan. U għalhekk jiena għall-imħabba tal-kbir Alla, ta' Ġesù, ta' l-Ispirtu s-Santu Alla, flimkien mal-Madonna għandi kuraġġ kbir u ma nibża' minn ħadd. Il-biża' tiegħi hu biss minn Alla, li nagħmel ir-rieda tiegħu għax dak li żera' fija tahuli Alla u ħadd ma tahuli ħlief Alla...

Lejn l-aħħar tal-laqgħa Ġuża ħegget ħafna biex isiru l-konsagrazzjonijiet tal-familji u talbet lil Alla u s-sema u l-Madonna biex ibierku u jgħinu lil dawk migbura u d-dinja u jagħtuna l-paċi li trid tiġi, 'Mill-imħabba, l-unioni u l-kwiet ta' bejnietna...'."

## SETTEMBRU 1994

Din il-laqgħa kienet waħda ta' tpattija u nbdiet b'pellegrinaġġ minn ħdejn il-pont f'tarf it-triq il-qadima. Matul dan il-pellegrinaġġ intqal ir-rużarju meditat u talb ieħor.

Wara li qalet tliet glorja patri, Ġuża fetħet id-diskors tagħha għal dakinhar billi qalet: "Jiena qed nara xi ħaġa, qed nara lil Ġesù ta' l-Ewkaristija. Kemm int ħelu Ġesù! Ikun imbierek Alla. Ikun imbierek Ġesù...

Kemm bata għalina l-Mulej Ġesù, Ġesù ta' l-Ewkaristija. Kemm bata għalina l-bnedmin. Bata bla qies, bata bla tarf... Bata minn qalbu, bata b'sabru, bata dik it-tbatija kollha biex jifdi lilna l-bnedmin u jifdi lil kull bniedem li ġie fid-dinja biex ikun jista' jieħu dak kollu illi dana ħaqqu. Ħaqqu taf għaliex hu? Għax Kristu l-Mulej Ġesù tant għamel affarijiet kbar għalina u magħna u fina u f'kollox u l-passjoni ma qagħadx jistmerrha bħalma xi kultant jiġrilna aħna...

Is-Sinjura tal-Hajja għandha l-qalb tagħha qed tbati wisq. Dik mara li ġabet lill-Iben tal-Missier Etern fid-dinja, ġabet lill-Mulej Ġesù... Il-Madonna batiet u tajjeb li meta naqbdu l-Via Sagra niftakru li, wara Ġesù tiela' bis-salib, hemm is-saqajn ta' Marija. Marija kemm int ħanina, Madonna kemm ġibtilna affarijiet kbar fid-dinja għax ġibtilna l-aqwa ħaġa, ġibtilna lill-Iben tal-Missier Etern...

Kemm batiet il-Madonna. Taf x'jiġifieri tkun omm il-Madonna bit-tbatija li batiet. Imbagħad qegħdin hawn aħna, kemm f'Malta tagħna u kemm f'Għawdex tagħna u oħrajn bil-lingwi tagħhom li jibdew jidgħu u jkasbru lil Ġesù ta' l-Ewkaristija. Hawn nies li jixtiequ li lill-Mulej Ġesù jerggħu jtellgħuh mill-ġdid mat-toroq tal-Kalvarju. ma jinpartahomx kemm bata Ġesù mat-toroq tal-Kalvarju. Ġesù qiegħed ibati ħafna, ħafna fiż-żmien li aħna qegħdin mexjin fih bħalissa. Kulħadd ibiddel lid-dinja. Lil Alla ħadd ma għadu jafu. Għaliex m'għandniex nagħarfuh lill-Mulej Ġesù fit-tibdil li qed tagħmel id-dinja? Sirna li xejn ma hu dnub, xejn ma hu xejn, u jgħidulek: 'X'jimpurtani jiena billi nidgħi b'Alla, u billi nidgħi bil-madonna u x'jimpurtani jiena billi jiena nidgħi bl-Ewkaristija? U l-Ewkaristija min jafha...?' Jaħasra, jaħasra, kemm hu vojt il-moħħ tal-bniedem. Jiena ngħidilkom li hu vojt il-moħħ tal-bniedemmeta Alla tant iħobbna, meta Alla tant hu kuntent bina. Jużana l-Mulej, jużana tajjeb il-Mulej, provdielna biex ngħixu, ġabna fid-dinja, tana biex immantnu ruħna, fejn naħdmu..."

Ġuża mbagħad tkellmet ħafna kontra d-dagħa. Qalet li l-ġimgħa ta' qabel il-Madonna reġgħet tennitilha l-messaġġ li kienet qaltilha fil-wied tal-Girgenti biex tiddefenti l-unur ta' Alla mid-dagħa. Hi rrakkontat kif fil-passat kienet kitbet xi ħames ittri lil Pawlu Boffa, Prim Ministru ta' dak iż-żmien, u lill-Arċisqof Gonzi li waqt il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla ħabbar li l-liġi ta' kontra d-dagħa kienet għaddiet...

"Ngħidilkom li s-sajf għaddejnieh. Qisna qegħdin fil-purgatorju, bħal dan is-sajf ilu ma jkun ħafna... Ħa ngħidilkom ħbieb, illi x-xitwa ma nafux kif inhi ġejja. Jiena għandi xi ħaġa imma m'iniex ħa ngħidha. Noqogħdu attenti, nishru u nitolbu biex ma naqgħux fit-tiġrib. Nishru ħafna għaliex ma nafux fejn ħa nitfgħuhom saqajna fit-tajn. Jiena naf xi ħaġa imma aħjar jekk ma ngħidx. Nishru u nitolbu biex ma naqgħux fit-tiġrib...

Irridu naħdmu id f'id bl-imħabba biex naħdmulha l-Madonna, il-bqija ma nagħmlu xejn. naħdmulha 'l-Madonna kif trid hi bl-imħabba, bil-qalb, bil-prudenza u nitolbu għal ħutna l-Maltin u l-Għawdxin biex

jinqata' dan il-vizzju misħut, ikrah, iswed tad-dagħa..."

Lejn l-aħħar tal-laqgħa Ġuża ħeġġet biex nitolbu għall-mexxejja tal-ġnus li ħafna minnhom għadhom ma għarfux lil Alla u talbet ħafna għall-erwieħ tal-purgatorju u għal dawk kollha li m'humiex fil-grazzja ta' Alla. Kompliet tgħid li għalkemm fid-dinja sirna li xejn ma hu dnub iżda għandna niftakru li Alla kien minn dejjem u jibqa' għal dejjem.

**OTTUBRU 1994**

"Il-Mulej iħobbna bil-mija fil-mija. Huwa bagħat lil Ibnu Ġesù li ħa l-passjoni u l-mewt fuq is-salib għalija u għal kull bniedem li hawn fid-dinja... Nirringrazzjah lill-Mulej għal dawn il-grazzji kbar li qiegħed jagħmel miegħi u magħkom għaliex ma nistgħux ngħidu li dawn l-affarijiet m'humiex minnhom. Fuqna qegħdin jinżlu grazzji kbar...

Jiena ngħidilkom biex nużaw ħafna l-fidi, nitolbu lill-Ispirtu s-Santu... għax l-Ispirtu s-Santu jagħtina d-doni, iqawwilna l-fidi, jagħtina l-kuraġġ..."

Aktar tard Ġuża rrakontat fid-dettal il-ġrajja ta' meta hija u ommha marru Loyola House, in-Naxxar, jaraw lill ħuwha Karmnu u hemmhekk Fr. Emvin Busuttil qalilha li hu ċert li hi trid tmut b'libsa ta' reliġjuża. Kompliet tgħid li, "F'viżżjoni li hi kellha mill-Madonna bil-lejl ta' sbieħ is-Sibt, 24 ta' Settembru 1994, fit-3.00 a.m., is-Sinjura tal-Ħajja qaltilha: 'Inti trid tmut b'libsa ta' reliġjuża.' Ara kemm hu kbir Alla! Ftit wara nisma' vuċi u dan qalli: 'Ġuża dak li għidtlek jien qalitulek is-Sinjura tal-Ħajja, il-Madonna, trid tmut b'libsa ta' reliġjuża'.

Il-Madonna trid li jkun hawn is-Sisters tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Issa itolbu ħafna għalija, jiena l-Madonna qaltli li l-appostolat għamiltu vittma ġod-dar... Ilni erbatax-il sena ġod-dar magħluqa, nitlob, kont nilqa' n-nies... u mid-dar s'hawnhekk biss kien il-permess tiegħi... U jiena ħa nsir, (*sorry*, ta!) nistħi ngħidha hemm kelma oħra... Is-Sinjura tal-Ħajja qaltli: 'Trid tkun il-Madre tas-Sisters Madonna tal-Konsagrazzjoni.' ...Jiena nixtieq li nqajjem ħafna vokazzjonijiet...

Aħna s-Sisters tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni jrid ikollna mħabba speċjali, imħabba kbira lejn il-Mulej Alla, imħabba kbira lejn Ġesù ta' l-Ewkaristija, lejn l-Ispirtu s-Santu biex iqajjem il-fidi fina u fil-Maltin u l-Għawdxin u fid-dinja kollha speċjalment fir-rappreżentanti tal-ġnus u jrid ikollna mħabba kbira lejn is-Sinjur tal-Ħajja..."



# GRAZZJI MAQLUGĦA

## TWELID STRAORDINARJU TA' TARBIJA

Fost il-grazzji kollha li sirna nafu bihom, din li se nirrapporta, ħafna jqisuha bħala "miraklu". Ma nistax inġib id-dettalji kollha f'dan il-fuljett; imma se nipprova nuri kif il-fidi fil-Madonna tal-Konsagrazzjoni (jew tal-Girgenti) wasslet għal din il-grazzja kbira.

Hemm tliet persuni imdaħħlin f'din l-istorja; u peress li huma jixtiequ li isimhom jibqa' mistur, se nsemmihom kif ġej: mara anzjana minn Birżebbuġa insemmuha AN; bintha toqgħod l-Ingilterra MARY u t-tifla tagħha MO.

### IL-ĠRAJJA

Fis-7 ta' Frar 1994, MO, li hi miżżewġa, kienet ilha għoxrin ġimgħa tqila. Għalhekk Mary ħadet lil bintha MO l-isptar tal-lokal fejn kienu joqogħdu, f'Essex, biex isir *scan* tal-*baby*. Hawn it-tobba indunaw li mhux kollox kien sew fit-tarbija u għalhekk bagħtu lil MO fi sptar Londra biex isir eżami aktar bir-reqqa.

Waqt dan l-eżami, il-konsulent sab difett fil-qalb tat-tarbija imma ma qal xejn u mar iġib konsulent ieħor biex ikun żgur. L-eżami kompla fit-tul, f'silenzju perfett. Meta kollox kien lest, it-tobba daru fuq MO u ommha u għarrfuhom li t-tarbija kellha difett serju f'qalbha u li kien hemm ftit ċans li tkun tista' tgħix; minbarra dan, meta titwieled ikollha bżonn ta' operazzjoni minnufih. Għalhekk issuġġerewlha li twaqqaf it-tqala; imma jekk le, huma kienu lesti li jgħinuha.

Tistgħu taħsbu kif din l-aħbar qasmet qalb l-ommijiet li nfexxew fil-biki. MO, li għadha żgħira fis-snin, għandha fidi qawwija. Wara ġranet ta' biki u talb, MO u żewġha ddeċidew li t-tqala tkompli sa l-aħħar u li jaċċettaw dak li Alla jibgħatilhom.

Mingħajr telf ta' żmien Mary ċemplet lil ommha, Malta, u tatha l-aħbar ħażina. AN kienet midħla tal-Girgenti; u għalhekk mill-ewwel talbet lill-Madonna tgħin lil MO u t-tarbija tagħha.

F'April 1994, Mary ġiet Malta ma' żewġha u t-tfal tagħhom, għand ommha AN. Din ħadithom il-Girgenti biex jitolbu flimkien. F'ittra twila li Mary kitbitli, qaltli li l-Girgenti ħasset paċi u mistrieħ ta' qalb li ma jistgħux jitfissru fi kliem. Kif kienu hemm kitbu messaġġ lil Ġuża u ħallewh ma' raġel li kien jidher *in charge* dak il-ħin. Ftit basru li Ġuża kien se jkollha ċans iċċemplilhom. Imma l-għada stess Ġuża kellmet lil Mary fuq it-telefon u flimkien qalu l-*Ave Maria*.

## ĊERTIFIKAT MEDIKU TAS-7 TA' FRAR 1994

Mr Welch
Consultant Obstetrician
Basildon Essex

Dear Mr Welch,

This lady was referred to us with a suspicion of a fetal cardiac abnormality detected on routine antenatal scanning. We found her to be approximately 19 weeks pregnant.

The cardiac connections in the fetus are normal but there is significant ventricular disproportion, the left being smaller than the right side. In addition, the aorta is smaller than the pulmonary artery and the distal aortic arch also appears small. These findings are very suggestive of coarctation of the aorta, particularly when they present this early in the pregnancy.

I note that there is a significant history of congenital left heart disease on the paternal side of the family and it is probable that the coarctation in this fetus is related to the family history. However, there is a strong association between coarctation and chromosomal abnormalities and we would recommend a fetal anomaly scan and karyotype should the pregnancy continue.

The fact that the disproportion is noted early in the pregnancy would also suggest that this is likely to be towards the severe end of the coarctation spectrum and may well need early surgical intervention. The quoted survival for postnatally diagnosed coarctation is about 85% but in the cases we have seen antenatally the survival is closer to 50%.

I have discussed survival with this mother and she wanted to discuss the findings with her husband and she is due to see you later this week. We would consider termination an option here but equally would support her should she decide to continue with the pregnancy.

If she decides to stop the pregnancy it would be helpful to be able to examine the fatal specimen but if she continues we would see her again in about 6 weeks.

I am sorry this is such bad news but please could you let us know what decision you come to with MO when you see her on Wednesday.

Yours sincerely,

Dr R. Yates, Research Fellow in Fetal Cardiology

Copy to: Dr Vara, Essex.

Qaltilha biex ma tinkwetax "għax kollox se jkun sew!" Jumejn wara Ġuża reġgħet ċemplet u wegħdithom li se tkompli titlob biex il-Madonna tfejjaq lit-tarbija.

F'Mejju, AN bagħtet xi ftit ħelu milli tqassmu l-Girgenti fil-festa tal-Madonna, lil Mary. Din refgħet żewġ ħelwiet għal meta MO kellha twelled.

Sadattant bejn Frar u Ġunju ma sar xejn biex id-difett ta' qalb it-tarbija seta' jitneħħa. Fi *scan* li sar fil-25 ta' Marzu, id-difett kien għadu jidher. Kif it-tqala kienet waslet fl-aħħar fażi tagħha Mary, bintha u r-raġel tagħha, reġgħu telgħu Londra fil-25 ta' Mejju, għall-aħħar *scan*. Daħlu fl-istess kamra ta' qabel fejn kien hemm siġġu żejjed. Mary qaltli li, b'fidi kbira, talbet lill-Madonna "tieħu dak is-siġġu u toqgħod magħna!"

Waqt li kien qed isir l-*iscan* kien hemm l-istess skiet ta' qabel... u mbagħad, il-konsulent dar fuq MO u qalilha li s-sitwazzjoni ma kinetx hekk imwiegħra kif kienu bassru qabel u li ma setgħux jifhmu kif sar il-kambjament. Din id-darba l-ommijiet bkew bil-ferħ u ħassew li l-Madonna kienet tassew magħhom.

It-tarbija twieldet fit-tmintax ta' Ġunju 1994, Londra. Damet hemm ħamest ijiem biss u għaddiet minn kull xorta ta' test. Fis-26 ta' Lulju sar l-aħħar *check up* u t-tarbija kienet *completely discharged*!...

## ĊERTIFIKAT MEDIKU TAS-26 TA' LULJU 1994

**Guy's Hospital**

**Department of Paediatric Cardiology**
**LONDON SE1 9 RT**

GP:
Kr K. K. Vara
Essex

**ECHOCARDIOGRAM REPORT 26/07/94**

Left persistent arterial duct (PDA)

| Location | Flow | Intens | V-max | Grad | Regurg | V-max | Grad |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mitral | normal | | | | none | | |
| Tricuspid | normal | | | | none | | |
| Aortic | normal | | | | none | | |
| Pulmonary | normal | | | | none | | |

Normal LV/RV size. Duct closed. Arch normal

**Follow up arrangements:**
Discharged from further follow up.

Reported by: Dr. S. Radkakrishnan.